



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Settembru 2024
(OR. en)

13427/24

CDR 134

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru u żewġ membri supplenti,
proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...

ta' ...

**li taħtar membru
u żewġ membri supplenti,
proposti mir-Renju ta' Spanja,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Spanjol,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157², li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fit-18 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/1261³, li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni. Fit-30 ta' Jannar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/227⁴, li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġiet proposta għall-ħatra s-Sa Meritxell SERRET I ALEU sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Juan GARCÍA-GALLARDO FRINGSX u s-Sur Joan CALABUIG RULLX saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/2157/oj>).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1261 tat-18 ta' Lulju 2022 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 191, 20.7.2022, p. 71, (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1261/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/227 tat-30 ta' Jannar 2023 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 56, (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/227/oj>).

- (5) Il-Gvern Spanjol ippropona lis-Sur Salvador ILLA ROCA, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *President de la Generalitat de Catalunya* (President tal-Gvern tal-Katalonja), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
- (6) Il-Gvern Spanjol ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sa María Isabel BLANCO LLAMAS, *Vicepresidenta de la Junta de Castilla y León* (Viċi President tal-Gvern Reġjonali ta' Castilla y León) u s-Sur Pablo Gustavo BROSETA DUPRÉ, *Secretario Autonómico de Representación ante la UE y las CCAA Generalitat Valenciana* (Viċi Ministru għar-Rappreżentanza għall-Unjoni Ewropea u r-Reġjuni Awtonomi Spanjoli. Il-Gvern tar-Reġjun ta' Valenzja),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membru:

- Is-Sur Salvador ILLA ROCA, *President de la Generalitat de Catalunya* (President tal-Gvern tal-Katalonja),

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sa María Isabel BLANCO LLAMAS, *Vicepresidenta de la Junta de Castilla y León* (Viċi President tal-Gvern Reġjonali ta' Castilla y León) u
- Is-Sur Pablo Gustavo BROSETA DUPRÉ, *Secretario Autonómico de Representación ante la UE y las CCAA Generalitat Valenciana* (Viċi Ministru għar-Rappreżentanza għall-Unjoni Ewropea u r-Reġjuni Awtonomi Spanjoli. Il-Gvern tar-Reġjun ta' Valenzja).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
